# QuantiFERON Monitor® (QFM®)

4°C – 25°C IVD CE

## Tubi tal-Ġbir tad-Demm

| **Tubi tal-Ġbir tad-Demm** | **pakkett ta' 1** |
|---|---|
| **Nru tal-Katalgu** | **0650-0101** |
| Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM (tapp abjad, ċirku abjad) | 100 tubu |
| Fuljett ta' Tagħrif fil-Pakkett tat-Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM | 1 |

**Nota importanti**: Il-volum tal-ġbir tad-demm ta' tubu huwa affettwat mill-altitudni. It-Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM għandhom jintużaw bejn il-livell tal-baħar u 810 m. Jekk tuża t-Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM barra minn din il-medda tal-altitudni, jew jekk iseħħ volum ta' ġbir tad-demm baxx, id-demm jista' jinġabar permezz tal-metodi ta' ġbir alternattivi deskritti hawn taħt. It-Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM huma maħsubin sabiex jintużaw biss mal-assaġġ tal-QFM. L-istruzzjonijiet li ġejjin huma marbutin biss mal-użu tat-Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM. L-istruzzjonijiet għall-użu, il-karatteristiċi tal-prestazzjoni, u l-interpretazzjoni tar-riżultati tal-assaġġ tal-QFM sħiħ jistgħu jinkisbu mill-fuljett ta' tagħrif ta' QuantiFERON Monitor ELISA.

**Attenzjoni**: Ittratta d-demm tal-bniedem u l-plażma bħala potenzjalment infettivi. Osserva linji gwida rilevanti għat-trattment tad-demm u l-prodotti tad-demm. Armi l-kampjuni u l-materjali f'kuntatt mad-demm jew il-prodotti tad-demm skont ir-regolamenti federali, tal-Istat u lokali.

**Nota importanti**: Pelit QFM LyoSphere™ waħda (1) trid tiżdied ma' 1 ml demm fit-Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM u titħalla tinħall. Imbagħad, it-Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM iridu jiġu ttrasferiti f'inkubatur ta' 37°C malajr kemm jista' jkun u fi żmien 8 sigħat mill-ġbir tad-demm. Qabel l-inkubazzjoni, żomm il-kampjuni tad-demm f'temperatura ambjentali (22 ± 5°C).

Il-proċeduri li ġejjin għandhom jiġu segwiti għall-aħjar riżultati.

**Ġbir tad-demm:**

1. **Immarka t-tubi b'mod xieraq.**

   Waħħal tikketta mat-tubu bid-dettalji tal-pazjent u l-ħin tal-ġbir tad-demm.

2. **Għal kull pazjent, iġbor 1 ml ta' demm b'venipuntura direttament f'Tubu wieħed tal-Ġbir tad-Demm QFM. Din il-proċedura għandha titwettaq minn flebotomista imħarreġ.**

   **Nota importanti**: It-Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM għandhom ikunu bejn 17 u 25°C fil-ħin tal-mili tad-demm.

   **Nota**: Mili nieqes jew żejjed tat-tubi barra l-medda mixtieqa jista' jwassal riżultati żbaljati. It-Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM huma mmanifatturati sabiex jieħdu 1 ml ± 10% u jaħdmu l-aħjar f'din il-medda. Jekk il-livell ta' demm f'xi tubu ma jkunx jaqa' fil-medda tal-marka indikatur, għandu jinkiseb kampjun tad-demm ġdid.

   Peress li t-tubi ta' 1 ml jiġbdu d-demm relattivament bil-mod, żomm it-tubu fuq il-labra għal 2–3 sekondi ladarba t-tubu jidher li jkun mimli. Dan sejjer jiżgura li jinġibed il-volum korrett. Il-marka sewda fuq il-ġenb tat-tubi tindika l-medda tal-volum ta' mili ta' 0.9–1.1 ml. Jekk qed tintuża "labra farfett" biex jinġabar id-demm, għandu jintuża tubu "porga" sabiex jiġi żgurat li s-sistema ta' tubi hija mimlija bid-demm qabel ma jintuża t-tubu tal-QFM. Jekk qed jintuża turnikett, irid jiġi llaxkat malli l-labra tiddaħħal ġol-vina, biex jiġi evitat ċaqliq fil-pressjoni li jista' jħalli impatt fuq il-volum ta' demm. ▶

QIAGEN®

**Nota**: Jekk jużaw it-Tubi tal-Ġbir tad-Demm QFM f'altitudni ogħla minn 810 metri (2650 pied), jew jekk il-volum ta' ġbir tad-demm ikun baxx, l-utenti jistgħu jiġbru d-demm b'siringa u immedjatament jittrasferixxu 1 ml ta' demm fit-tubu tal-QFM. Għal raġunijiet ta' sikurezza, dan isir l-aħjar billi titneħħa l-labra tas-siringa, filwaqt li jintużaw il-proċeduri ta' sikurezza xierqa, jitneħħa t-tapp mit-tubu tal-QFM, u jiżdied 1 ml ta' demm fit-tubu (maċ-ċentru tal-marka sewda fuq il-ġenb tat-tikketta tat-tubu). Ibdel it-tapp b'mod sikur u ħallat kif spjegat hawn taħt.

Inkella, id-demm jista' jinġabar f'tubu ġeneriku wieħed tal-ġbir tad-demm li fih eparina tal-litju bħala l-antikoagulant u mbagħad jiġi ttrasferit f'tubu tal-QFM. Uża biss lithium heparin bħala antikoagulant tad-demm peress li antikoagulanti oħrajn jinterferixxu mal-assaġġ. Imla t-tubu tal-ġbir tad-demm (volum minimu ta' 3 ml) u bil-mod ħallat billi taqleb it-tubu diversi drabi biex tħoll l-eparina tal-litju. Id-demm għandu jinżamm f'temperatura ambjentali (22 ± 5°C) qabel it-trasferiment fit-Tubu tal-Ġbir tad-Demm QFM għall-istimulazzjoni b'QFM LyoSphere. Jekk id-demm inġabar f'tubu tal-eparina tal-litju, il-kampjuni għandhom jitħalltu bl-istess mod permezz ta' inverżjoni bil-galbu qabel ma jitqassmu fit-Tubu tal-Ġbir tad-Demm QFM. It-tqassim għandu jsir b'mod asettiku (billi jiġu ggarantiti proċeduri xierqa ta' sikurezza) billi jitneħħa t-tapp mit-Tubu tal-Ġbir tad-Demm QFM u jiżdied 1 ml ta' demm (maċ-ċentru tal-marka sewda fuq il-ġenb tat-tikketta tat-tubu). Erġa' agħlaq it-tapp tat-tubu u ssikkah.

3. **Malli timla t-Tubu tal-Ġbir tad-Demm QFM, ħawdu bil-galbu permezz ta' inverżjoni għal bosta drabi biex tinħall l-eparina.**

   **Nota importanti**: It-tubi għandhom ikunu bejn 17 u 25°C meta jitħawdu. Jekk tħawwadhom iżżejjed, dan jista' jikkawża tfixkil tal-ġel u li jista' jwassal għal riżultati anormali.

<u>**Stimulazzjoni tad-Demm, Inkubazzjoni tat-Tubi, u Ġbir tal-Plażma:**</u>

Struzzjonijiet iddettaljati għall-istimulazzjoni tad-demm, l-inkubazzjoni, u l-ġbir tal-plażma jistgħu jinkisbu mill-fuljetti ta' tagħrif għal QuantiFERON Monitor LyoSpheres™ (Kat. nru. 0650-0701) u QuantiFERON Monitor 2 Plate Kit ELISA (Kat. nru. 0650-0201).

<u>**IFN-γ ELISA:**</u>

Struzzjonijiet iddettaljati għal IFN-γ ELISA jistgħu jinkisbu mill-fuljett ta' tagħrif għal QuantiFERON Monitor 2 Plate Kit ELISA (Kat. nru. 0650-0201).

Marki kummerċjali: QIAGEN®, QFM®, QuantiFERON Monitor® (Grupp QIAGEN); LyoSphere™, LyoSpheres™ (BioLyph Inc.). Ismijiet irreġistrati, marki kummerċjali, eċċ. użati f'dan id-dokument, anki meta ma jkunux immarkati b'mod speċifiku bħala tali, ma jitqisux li mhumiex protetti mil-liġi, Għal liċenzjar u dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà speċifiċi għall-prodott u aġġornati, ara l-*Fuljett ta' Tagħrif ta' QuantiFERON Monitor (QFM) ELISA*.

1079026MT Rev. 01 11/2014 © 2014 QIAGEN, id-drittijiet kollha riservati.

EC REP QIAGEN GmbH
QIAGEN Strasse 1
40724 Hilden
IL-ĠERMANJA

QIAGEN
19300 Germantown Road
Germantown, MD 20874
L-ISTATI UNITI
www.QuantiFERON.com

Żur www.qiagen.com għal appoġġ tekniku kkuntattja lill-informazzjoni.

QIAGEN